MINISTERIO
DE EDUCACIÓN

# KONKLUŻJONIJIET FUQ IL-KONFERENZA INTERNAZZJONI ‘EDUKAZZJONI INKLUŻIVA: MOD KIF TIPPROMWOVI KOEŻJONI SOĊJALI’ 11-12 MARZU 2010, MADRID

F’Mejju 2009, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, bħala parti mill-qafas strateġiku għall-kooperazzjoni Ewropea fl-edukazzjoni u t-taħriġ (Et2020), stabblixxa objettivi strateġiċi, li għafsu fuq l-importanza tal-edukazzjoni inklużiva biex tittratta żvantaġġi edukattivi. Il-Kunsill innota li l-edukazzjoni jinħtieġ li tikkumbatti kull forma ta’ diskriminazzjoni u li għammar lil nies ta’ età żagħżugħa biex dan jagħmluh b’mod pożittiv ma’ nies tal-età tagħhom minn ambjenti diversi.

Il-konferenza internazzjonali, li kienet tinvolvi bejn wieħed u ieħor 300 delegat minn madwar 40 pajjiż, kellha l-għan li tipprovdi l-opportunità għar-riflessjoni fuq modi kif tintegra l-prinċipji ta’ kwalità, effiċjenza u ekwità fil-livelli kollha ta’ edukazzjoni. B’mod partikolari, iffukat fuq modi kif tinkludi l-aktar ‘learners’ żvantaġġjati, bil-għan li tiġi evitata l-esklużjoni soċjali.

L-objettivi tal-konferenza kienu:

- Tirrifletti fuq l-edukazzjoni bħala waħda mill-aspetti essenzjali għal inklużjoni soċjali fil-qafas tas-Sena Ewropea biex jiġu Miġġielda l-Faqar u l-Esklużjoni Soċjali;
- Tirrifletti fuq policies ta’ edukazzjoni inklużiva u l-qsim tal-aħjar prattika, b’referenza speċjali għal studenti b’sostenn edukattiv speċjali u ħtiġijiet ta’ kumpens;
- Tiffaċilita l-qsim ta’ esperjenzi bejn Membri ta’ Stati tal-Unjoni Ewropea u pajjiżi tal-Amerika Latina fil-qasam tal-edukazzjoni inklużiva;
- Jabbozzaw dokument bil-messaġġi ewlenin għal edukazzjoni inklużiva biex jiġi ppreżentat lill-awtoritajiet nazzjonali u Ewropej.

Il-programm tal-konferenza u t-tagħrif ġenerali jista’ jiġi aċċessjat minn:
http://www.educacion.es/eu2010/agenda/educacion-inclusiva.html

**Konklużjonijiet**

L-edukazzjoni inklużiva hija dritt universali. Tinħtieġ miżuri ta’ policy li jkollhom l-għan li jipprovdu edukazzjoni ta’ kwalità liċ-ċittadini kollha. L-edukazzjoni inklużiva timplika wkoll li r-riżorsi kollha meħtieġa (finanzjarji, umani, edukattivi, tekniċi u teknoloġiċi) jiġu pprovduti għaċ-ċentri edukattivi, biex jgħinuhom jirrispondu u jassiguraw suċċess edukattiv għal kull min jitgħallem, ikun xi jkun l-isfond personali, ekonomiku, soċjali, kulturali, ġeografiku u etniku. Attenzjoni speċjali trid tingħata lill-ġender, kif ukoll tagħti każ ta’ diskriminazzjoni speċifika li jsofru bniet u nisa b’diżabiltà.

L-edukazzjoni Inklużiva tinħtieġ li tassigura kwalità, ekwità u eċċellenza, skont prinċipji bħalma huma opportunitajiet ugwali, aċċess universali u mhux diskriminatorju. Dawn il-prinċipji kollha huma kumplimentari u inseparabbli.

Din il-konferenza, li involviet rappreżentanti minn komunitajiet Awtonomi differenti fi Spanja, minn pajjiżi Ewropej, mill-Amerika Latina u minn setturi volontarji, hija skont wieħed mill-erba’ objettivi tal-Presidenza Spanjola fil-qasam tal-edukazzjoni: li jkollha impatt fuq l-policies tal-edukazzjoni li jippromwovu ekwità, koeżjoni soċjali u ċittadinanza attiva. Dan l-objettiv ifittex li jirrispondi għal sfidi differenti: dawk kollha li ma jibqgħux imorru l-iskola sa minn età żgħira, kif ukoll dawk li jkollhom ħtieġa ta’ sostenn edukattiv addizzjonali.

Wieħed jinnota li sar progress importanti fl-edukazzjoni fil-livelli teoretiċi, ta’ policy u prattiċi li jsostnu l-mixja lejn edukazzjoni inklużiva. B’mod partikolari, wieħed irid isemmi l-adozzjoni tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti fuq id-Drittijiet tan-Nies b’Diżabiltà, b’mod speċjali Artiklu 24 fuq l-edukazzjoni.

Minkejja dan, l-edukazzjoni inklużiva għandha għan li jista’ jintlaħaq. Sfidi importanti jinħtieġ li jingħelbu biex b’hekk jintlaħqu l-objettivi li wieħed jistenna ta’ kwalità, ekwità, inklużjoni, rispett

għad-diversità u parteċipazzjoni effettiva fis-soċjetà għal kulħadd. Il-Konferenza tat importanza speċjali lill-progress kif ukoll lill-isfidi fil-livelli edukattivi: sekondarji, vokazzjonali u edukazzjoni ogħla.

*Hemm bżonn li wieħed jinnota dawn il-proposti, li tqajmu waqt il-konferenza.*

• Edukazzjoni inklużiva, li tpoġġi lill-persuna fiċ-ċentru, hija ta' benefiċċju għal kull min ikun qiegħed jitgħallem kemm jekk ikollu kif ukoll ma jkollux ħtiġijiet speċjali minħabba d-diżabiltà jew kwalunkwe ċirkustanza oħra. L-edukazzjoni inklużiva tħejji lil kull min ikun qiegħed jitgħallem biex jgħix u jaħdem f'soċjetà pluralistika.

• Ir-rieda politika u d-determinazzjoni mill-partners kollha involuti hija meħtieġa biex tippromwovi tibdil sistematiku profond. Dan jinħtieġ il-viżjoni, l-għerf, il-ħiliet u l-qafas legali biex dawn kollha jiġu flimkien biex b'hekk titwettaq edukazzjoni inklużiva ta' ekwità u eċċellenza fl-oqsma mainstream fil-livelli kollha tal-edukazzjoni. Is-soċjetà kollha tinħtieġ li tiġi involuta u tipparteċipa f'dan it-tibdil edukattiv.

• Hemm bżonn il-ħtieġa ta' sostenn ta' policies ta' koordinazzjoni fost is-setturi kollha involuti kif ukoll biex jiġi sostnut it-tibdil ta' prattiċi tajbin.

• Hawn il-ħtieġa li jiġu mwaqqfa l-mekkaniżmi adekwati biex tinġabar u tiġi analizzata l-informazzjoni meħtieġa biex b'hekk jiġu mmonitorjati l-policies kif ukoll l-prattiċi tajbin permezz ta' indikaturi. Dawn l-indikaturi jgħinu biex jiġu identifikati l-fatturi li jikkontribwixxu għall-esklużjoni u dawk li jiffaċilitaw l-inklużjoni.

• Biex jgħinu fit-tibdil ta' ambjenti edukattivi u progress lejn it-twettiq tad-dritt tal-edukazzjoni għal kulħadd, hemm bżonn: sistemi edukattivi flessibbli; id-diversità tidher bħala valur; l-eliminazzjoni tal-barrieri (fiżiċi, programmi ta' studju u materjal, komunikazzjoni, aċċess għal-lingwa tas-sinjali u għodod oħra biex titjieb il-komunikazzjoni orali); sostenn għall-għalliema u l-iskejjel; ħidma f'team; sens ta' tmexxija fl-iskejjel; kundizzjonijiet armonjużi fost dawk li jkunu qegħdin jitgħallmu; kooperazzjoni bejn il-ġenituri, professjonisti u s-settur volontarju.

• Hemm bżonn li: tiġi ffaċilitata t-tranżizzjoni bejn livelli differenti ta' edukazzjoni u l-mixja lejn l-impjegar; tiġi ffaċilitata l-edukazzjoni inklużiva mill-bidu tal-iskola u jkun hemm enfasi speċjali fuq l-identifikazzjoni bikrija u l-intervent.

• Trid tingħata attenzjoni partikolari għall-edukazzjoni tal-għalliema (inizjali u b'taħriġ ta' aġġornament) fil-livelli kollha tal-edukazzjoni. L-edukazzjoni tal-għalliema jinħtieġ li tħejjijhom biex jirrispondu għall-ħtiġijiet diversi ta' kull min ikun qiegħed jitgħallem u dan huwa fattur ewlieni għas-suċċess għal-edukazzjoni inklużiva.

• Nies ta' età żagħżugħa ma jkunux jridu li jiġu ttrattati bħat-tfal; huma jkunu jridu li jkunu kapaċi li jieħdu d-deċiżjonijiet tagħhom. Huma kollha għandhom id-dritt li jaċċessjaw il-kurrikulu li jippreparahom biex isiru ċittadini sħaħ.

• Wieħed mill-fatturi ewlenin dwar l-edukazzjoni vokazzjonali jirrelata mal-ħtieġa li tinbena relazzjoni mill-qrib bejn it-taħriġ u s-suq tax-xogħol miftuħ kif ukoll biex jipprovdi taħriġ prattiku fl-intrapriża.

• Inklużjoni fl-edukazzjoni ogħla tinħtieġ li tintqies bħala prijorità għaliex hija fis-sistema edukattiva obbligatorja. Aċċess għal ħtiġijiet edukattivi ogħla jinħtieġ li jitjiebu biex b'hekk tiżdied ir-rappreżentazzjoni tal-istudenti b'diżabiltà u dawk minn gruppi vulnerabbli. Servizzi ta' sostenn huma meħtieġa, b'mod partikolari minn professjonisti li jkunu qegħdin jagħmluha ta' 'intermedjarji' bejn l-istudenti u t-tuturi tagħhom.

• Fl-aħħar, il-miżuri mwettqa fil-qafas tal-edukazzjoni inklużiva tkun ta' benefiċċju għal kull min ikun qiegħed jitgħallem.